Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

**11 ta' April 2025**

## L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jniedi sit elettroniku ġdid dwar l-indikaturi tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs)

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) nieda sit elettroniku ġdid li jagħti prominenza lid-data ta' Malta dwar l-indikaturi tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Ġnus Magħquda. L-SDGs u l-miri tagħhom jiffurmaw qafas dinji li l-Ġnus Magħquda waqfet biex jissaħħu t-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali, u l-ħarsien ambjentali sal-2030, u li huma ssorveljati bis-saħħa ta' 234 indikatur uniku. Dan is-sit elettroniku ġdid jipprovdi pjattaforma għall-utenti biex ikollhom data u tagħrif li juru l-mixja ta' Malta lejn il-kisba tal-SDGs u l-miri tagħhom.

Fl-2021, il-Kabinett waqqaf Grupp Nazzjonali ta' Esperti dwar l-Indikaturi tal-Iżvilupp Sostenibbli u ħatar lill-NSO biex imexxi kemm il-Grupp kif ukoll it-taskforces tiegħu. Il-mandat ewlien tal-Grupp ta' Esperti kien li jgħarbel is-settijiet tad-data użati għall-indikaturi tal-SDGs, jagħraf in-nuqqasijiet fid-data, u jimmaniġġja l-flussi tad-data u tat-tagħrif mill-awtoritajiet nazzjonali għall-organizzazzjonijiet internazzjonali responsabbli mis-sorveljanza tal-SDGs. Wara dan l-eżerċizzju intensiv, l-NSO beda x-xogħol biex iqiegħed id-data kollha ta' kwalità u rilevanti għall-SDGs fi pjattaforma waħda. Din il-pjattaforma tħalli lill-utenti jsibu d-data ta' Malta għal kull SDG. Is-sit elettroniku, li sa jkun aġġornat il-ħin kollu, jista' jintlaħaq direttament minn sdgindicators.nso.gov.mt jew mis-sit elettroniku tal-NSO.